



Kunsill Ewropew

**Brussell, 12 ta' Diċembru 2019  
(OR. en)**

**EUCO 29/19**

**CO EUR 31  
CONCL 9**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (12 ta' Diċembru 2019) – Konklużjonijiet

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

---

**I. TIBDIL FIL-KLIMA**

1. Fid-dawl tal-aħħar data xjentifika disponibbli u tal-ħtieġa li tiġi intensifikata l-azzjoni klimatika globali, il-Kunsill Ewropew japprova l-oġġettiv li naslu għal UE b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dan l-istadju, Stat Membru wieħed ma jistax jimpenja ruħu li jimplementa dan l-oġġettiv sa fejn jikkonċernah, u l-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dan il-punt f'Ġunju 2020.
2. It-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika ser iġġib magħha opportunitajiet sinifikanti, bħal potenzjal għal tkabbir ekonomiku, għal mudelli kummerċjali u swieq ġodda, għal impjegi ġodda u żvilupp teknoloġiku. Politiki ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni li jħarsu 'l quddiem ser jaqdu rwol ewlieni.
3. Madankollu, il-kisba tan-newtralità klimatika ser tirrikjedi li jingħelbu sfidi serji. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u jitlob lill-Kunsill imexxi l-ħidma 'l quddiem skont il-paragrafu 1. Huwa jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni li minnu jibbenefikaw l-Istati Membri kollha u li jinkludi strumenti, inċentivi, appoġġ u investimenti adegwati biex tiġi żgurata tranżizzjoni kosteffettiva, ġusta, kif ukoll soċjalment ibbilanċjata u ekwa, filwaqt li jittieħed kont ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti f'termini ta' punti tat-tluq.
4. It-tranżizzjoni ser tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' u jappoġġa t-tħabbir mill-BEI li biħsiebu jappoġġa investment ta' EUR 1 triljun fl-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali fil-perijodu mill-2021 sal-2030. Huwa jissottolinja li l-QFP ser jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-azzjoni klimatika. InvestEU għandu rwol importanti biex jiġu mobilizzati investimenti privati għat-tranżizzjoni. Appoġġ imfassal apposta għar-regġuni u s-setturi l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ser ikun disponibbli mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta li jmiss. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li l-proposti li jmiss tagħha ser jimmiraw sabiex jiffaċilitaw EUR 100 biljun ta' investment permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta. Il-finanzjament tal-isforzi ta' trasformazzjoni jrid ikompli wara l-2030.

5. Jeħtieġ li l-leġislazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-UE jkunu konsistenti mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika, u jikkontribwixxu għalih filwaqt li jiġu rrispettati kundizzjonijiet ekwi. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti, inkluż dwar l-għajjnuna mill-istat u l-akkwist pubbliku. Huwa jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tirrapporta b'mod regolari dwar l-impatt ambjentali u soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika.
6. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija u li jiġi rrispettat id-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita tal-enerġija tagħhom u biex jagħżlu l-aktar teknoloġiji xierqa. Xi Stati Membri indikaw li huma jużaw enerġija nukleari bħala parti mit-taħlita tal-enerġija nazzjonali tagħhom.
7. L-objettiv tan-newtralità klimatika jeħtieġ li jinkiseb b'mod li jippreserva l-kompetittività tal-UE, inkluż billi jiġu żviluppati miżuri effettivi biex tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod kompatibbli mad-WTO. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera fir-rigward ta' setturi li huma intensivi fl-użu tal-karbonju. Jeħtieġ li faċilitajiet f'pajjiżi terzi jaderixxu mal-ogħla standards internazzjonali ambjentali u ta' sikurezza.
8. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-UE kemm jista' jkun kmieni fl-2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħha mill-Kunsill u l-preżentazzjoni tagħha lill-UNFCCC.
9. Il-Kunsill Ewropew jirringrazzja mill-qalb lil Spanja għall-organizzazzjoni b'suċċess tal-COP25 f'Madrid. Huwa jistieden lill-Kummissjoni, wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, biex tressaq il-proposta tagħha għal aġġornament tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) tal-UE għall-2030 fi żmien xieraq qabel il-COP26.

10. L-impenn internazzjonali ser ikun kruċjali għas-suċċess fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jagħtu attenzjoni partikolari lid-diplomazija dwar il-klima.
11. Il-Kunsill Ewropew ser isegwi mill-qrib l-oġettiv tal-UE tan-newtralità klimatika sal-2050 u jagħti gwida strateġika, kif adatt.

## **II. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI**

12. Wara l-preżentazzjoni tal-Kaxxa ta' Negozjar b'ċifri mill-Presidenza Finlandiża, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-elementi ewlenin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid.
13. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-President tiegħu biex imexxi 'l quddiem in-negozjati bil-għan li jintlaħaq ftehim finali.

## **III. PUNTI OĦRA**

14. Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra l-idea ta' Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa li tibda fl-2020 u tintemm fl-2022. Huwa jitlob lill-Presidenza Kroata tal-Kunsill biex taħdem għal definizzjoni ta' pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-kontenut, il-portata, il-kompożizzjoni u l-funzjonament ta' tali konferenza u biex abbażi ta' dan taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni.
15. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li għandha tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika maqbula f'Ġunju, u li jinkisbu riżultati konkreti għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħna. Il-Konferenza għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-politiki tagħna fil-perijodu medju u fit-tul sabiex inkunu nistgħu nindirizzaw aħjar l-isfidi attwali u futuri.

16. Il-Konferenza għandha tibni fuq is-suċċess li kellhom id-djalogi maċ-ċittadini matul l-aħħar sentejn u tipprevedi konsultazzjoni wiesgħa maċ-ċittadini matul il-proċess. Jeħtiegħ li tinvolvi lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni, b'rispett sħiħ tal-bilanċ interistituzzjonali u r-rwoli rispettivi tagħhom kif definiti fit-Trattati. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtiegħa ta' proċess inklużiv, bl-Istati Membri kollha involuti b'mod ugwali. Għandu jkun hemm sjieda kondiviża mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, inkluż il-parlamenti tagħhom.
17. Minħabba l-importanza tas-sħubija UE-Afrika, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jipprovdulu l-bażi neċessarja għal diskussjoni strateġika fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju dwar ir-relazzjonijiet mal-Afrika u dwar is-summit UE-UA li jmiss.
18. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ordni internazzjonali globali bbażat fuq ir-regoli u jinnota bi tħassib il-paraliżi tal-mekkaniżmu tad-WTO għas-soluzzjoni ta' tilwim. Huwa jappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi arranġamenti proviżorji ma' pajjiżi terzi filwaqt li tftitex b'mod attiv soluzzjoni permanenti. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jeżaminaw, bħala prijorità, il-proposta tal-Kummissjoni li tadatta, f'konformità mar-regoli tad-WTO, il-leġislazzjoni attwali tal-UE dwar l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet tal-UE taħt ftehimiet kummerċjali internazzjonali għal din is-sitwazzjoni ġdida.
19. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-Turkija tat-22 ta' Marzu u l-20 ta' Ġunju. Huwa jikkonferma mill-ġdid il-konklużjonijiet tiegħu tas-17 u t-18 ta' Ottubru dwar l-attivitajiet ta' tħaffir illegali tat-Turkija fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' Ċipru. Il-Memorandum ta' Qbil bejn it-Turkija u l-Libja dwar id-delimitazzjoni ta' ġurisdizzjonijiet marittimi fil-Baħar Mediterran jikser id-drittijiet sovrani ta' Stati terzi, ma jikkonformax mal-Liġi tal-Baħar u ma jista' jipproduċi l-ebda konsegwenza legali għal Stati terzi. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid b'mod inekwivoku s-solidarjetà tiegħu mal-Greċja u ma' Ċipru rigward dawn l-azzjonijiet mit-Turkija.
20. L-Unjoni Ewropea tesprimi s-solidarjetà tagħha mal-Albanija fid-dawl tat-terremot reċenti. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li ser tipprovdi għajnuna umanitarja u torganizza konferenza tad-donaturi.